MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2009

Numru 419/1995

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Francis Micallef)**

**Vs**

**Patrick Calleja, Vincent Calleja, Edward Calleja, Martin Tabone u Noel Calleja**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputati u dan talli fil-Gzira nhar id-9 ta’ Lulju 1995 ghal habta tas-2.00pm, waqt il-marc tal-festa titulari tal-Madonna tal-Karmnu heddu jew ghamlu offiza fuq persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz. (sec.95 ch.9)

Talli fl-istess data hin u cirkostanzi attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb li ma jitqiex vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li kienu qed jagixxi ghall esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti. (sec. 96)

Talli ghad li kienu xurbana qalu fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti jew ghamlu atti gesti oxxeni jew daghaw fil-pubbliku. (338bb)
Talli kissru volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku. (338dd)

Talli ma obdewx l-ordnijiet legitimi ta' awtorita jew wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallewx jew fixxklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmiru, billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi ikun ordnat li jaghmel, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun. (338ee)

Lill-Patrick Calleja wahdu akkuzat talli fl-istess data, hin u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara volontarja fuq vettura numru M.2296 liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm50 izda anqas minn Lm500 ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta. (sec. 325b)

Rat id-dgriet Taghha moghti fil-21 ta' Lulju 1995 u li bih gew mizjudin akkuzi fil-konfront ta' Martin Tabone u Vincent Calleja (ara fol 22, 23, 24 u 25 tal-istess atti).

Semghet lill-imputati jiddikjaraw li m'humiex hatja tal-istess akkuzi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (fol 26 ibid).

Semghet lill-imputati kollha jiddikjaraw li m'ghandhomx oggezzjoni ghal din il-procedura (fol 22 u 23 ibid).

Semghet ix-xhieda u rat d-dokumenti prodott mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-akkuzati minn jeddhom.

Ikkunsidrat
Illi kif spjega l-Ufficjal Prosekutur (fol 44 et seq ibid) dan il-kaz jinvolvi incidenti li graw waqt il-festa parrokjali fil-Gzira meta kien qed jsir "il-marc ta' filghodu". Meta l-istess marc wasal fi Triq Stuart, inghaqdu mieghu diversi zghazagh li kienu qed jixorbu fil-kazin tal-"football". Fost dawn kien hemm, l-akkuzati. Il-marc baqa' ghaddej b'mod normali hlief li kien hemm xi persuni "….aktar xurbana" mill-partecipanti l-ohra, fosthom l-akkuzat Vincent Calleja. Ix-xhud spjega illi hemm drawwa illi nies jintefghu quddiem il-marc sabiex jostakolawh. Liema fatt kien jigri ta' spiss u hawnhekk il-Pulizija kienu jintervjenu sabiex jghidu lil dawn in-nies sabiex iqumu. F'dan il-kaz, kien gara hekk u fost l-istess nies kien hemm l-akkuzati kollha li kienu qed jwaqqfu l-marc hlief ghall-akkuzat Edward Calleja li kien qed "…jiehu hsieb it-tfal tieghu". Eventwalment, minhabb hekk, kienu nqalghu l-incidenti in ezami. Difatti, F'Triq il-Vitorja, vicin fejn hemm kazin politiku ix-xhud kien ra' lis-Supretendent Joseph Brincat u pulizija ohra li kienu qed jarrestaw lill-akkuzat Vincent Calleja izda x-xhud ma' setax jghid x'kienet ir-raguni u s-sitwazzjoni ta' dan. Pero', kienet ser tqum kommozzjoni u kien ra' lil dan l-akkuzat jirresisti l-arrest tieghu. Inoltre, kien ra' lill-akkuzat iehor Noel Calleja jaghmel tentattiv sabiex jassisti lil huh, Vincent. Inoltre x-xhud kien ipprova jzomm lill-akkuzat Patrick Calleja missier dawn iz-zewg akkuzati "milli imur ukoll". Filfatt dan tal-ahhar, ghal certu zmien, qaghad vicin ix-xhud izda eventwalment "irnexxilu jizgicca". Hawnhekk, l-akkuzati kollha gew arrestati hlief ghal Noel Calleja, li da parti tieghu u volontarjament kien mar ghand il-Pulizija "l-ghada jew xi granet wara". Ix-xhud spjega ukoll illi hu sar jaf illi meta l-akkuzat Patrick Calleja kien qed jiddahhal fil-vettura tal-Pulizija hu kien ikkaguna hsarat volontarji fl-istess vettura. Dan l-akkuzat kien, wara, qal lix-xhud, illi "ma kienx jiftakar jekk kienx ghamel xi hsara…." Waqt li l-akkuzati l-ohrajn kien qaluli li "huma ma kienu ghamlu xejn, hazin.

Illi s-Supretendent Joseph Brincat (fol 48 et seq ibid) spjega illi, jum qabel il-marc, kien bghat ghal diversi persuni, fosthom ghall-akkuzat Patrick Calleja sabiex dawn jikkooperaw waqt il-marc, waqt li jkun hemm briju ma' jkunx hemm kliem oxen u dagha. L-ghada filghodu kien iltaqa' mal-akkuzat Martin Tabone u Patrick, Noel u Vincent Calleja u kien qalilhom sabiex jiehdu gost izda ma jiksrux il-ligijiet u sabiex jikkooperaw mal-Pulizija waqt il-marc. Hu semma' illi waqt il-marc nies, kienu bhala drawwa u tradizzjoni, jintefghu mal-art quddiem l-istess marc u l-Pulizija jmorru fuqhom sabiex jerfghuhom. Hekk beda jsir mill-erbat akkuzati hlief ghal Patrick Calleja. Meta, fl-okkazjoni in ezami, il-marc kien wasal vicin il-kazin tal-"football" xi hadd, minhabba il-mewt ta' persuna, kien talab minuta ta' silenzju, kif filfatt gara'. Sadattant hu kien osserva li l-istess erbat akkuzati kienu "xi ftit aggressivi fil-konfront taghna, il-Pulizja", billi meta l-istess Pulizija kienu qed jerfghuhom minn mal-art l-istess erbat akkuzati "…bdew jimbuttaw lill-Pulizija b'mod aggressiv" u dwar din l-attitudni, kien hemm xi lmenti minn membri tal-Korp. Meta il-marc wasal vicin kazin politiku hu kien ra' u sema' lill-akkuzat Vincent Calleja li kien qed "….jidghi dagha fahxi". Hawnhekk kien sar kurdun mill-Pulizija sabiex il-bandisti setghu jghaddu. Sadattant Vincent Calleja kompla jidghi u jisfida lix-xhud li kien intimah sabiex ma jkomplix jidghi, fosthom bi kliem bhala "Jiena ghala z…..". Inoltre kif l-istess erbat akkuzati ndunaw li l-bandisti kienu ghaddejjin wara l-kurdun tal-Pulizija, l-akkuzat, Martin Tabone, kien imbotta lix-xhud "b'certa sahha" u kien hawn li l-istess xhud kien ordna l-arrest kemm ta' Vincent Calleja kemm ta' Martin Tabone. Hawnhekk qamet certa kommozzjoni billi hut u shab dawn iz-zewg akkuzati pprovaw "…izommuna milli narrestaw lil dawn it-tnejn", fost dawn l-akkuzati Noel Calleja u Patrick Calleja u dan billi jfixklu lill-Pulizija b'mod aggressiv. Specifikatament, Martin Tabone pprova jigdem lix-xhud u "xi hadd minnhom" ipprova jaghti daqqiet ta' sieq u bil-ponn lix-xhud. Dwar Patrick Calleja u Noel Calleja, dawn "….bdew johduha kontra taghna…..b'mod aggressiv u mhux verbalment biss". Dwar Edward Calleja, missier l-akkuzati b'dan il-kunjom kien "inghaqad" mal-ohrajn.

Hawnhekk l-akkuzati hlief ghal Noel Calleja ittellghu fuq il-vetturi tal-Pulizija disponibbli. Dwar Patrick Calleja, dan kien irrifjuta li jitla' fuq il-karozza uzata mix-xhud u difatti beda "jissara" mal-Pulizija u ta' "daqtejn ta' sieq" lil din il-vettura. L-istess xhud spjega l-involviment ta' Edward Calleja f'dan l-incident. Dan ma kienx offra l-ebda resistenza max-xhud izda kien gie arrestat ghax "….gie ifixkilna….u jinsisti li ma narrestawx lit-tifel tieghu Vincent". Difatti l-missier fl-ebda hin ma kien aggressiv jew vjolenti fil-konfront tal-Pulizija izda "ipprova biss izomm u jipperswadina" sabiex ma jsirux xi arresti tat-tfal tieghu. Dwar Noel Calleja, dan kien ta' xi daqqiet ta' sieq lix-xhud sabiex ma jigux arrestati Martin Tabone u Vincent Calleja peress li kif digja inghad Vincent Calleja pprova jaghtih bis-sieq waqt li Martin Tabone pprova jigdimni waqt li dan tal-ahhar kien jidher xurban izda mhux fis-sakra.

Illi gew prodotti diversi ufficjali tal-Pulizija prezenti waqt il-marc cjoe <u>PS 1492 Joseph Pace</u> (fol 66 et seq ibid) li sahaq kontrarjament ghal dak li xehed ix-xhud precedenti illi Edward Calleja kien irresista kif ukoll tkellem hazin sabiex "…inhallu lil Patrick Calleja" anke "b'idejh billi jmbuttana". <u>PS 621 Pierre Calleja</u> (fol 69 et seq ibid). <u>PC 264 Robert Spiteri</u> (fol 75 et seq ibid) li kien sewwieq mas-Supretendent Joseph Brincat u li xehed dwar il-hsarat kagunati fil-vettura, uzata minn dan, mill-akkuzat Patrick Calleja u <u>PS 918 Anthony Agius</u> li xehed dwar l-<u>istima</u> tal-istess hsarat volontarji b'kollox Lm 250 (ara fol 83 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>
Illi l-<u>akkuzati</u> xehedu minn jeddhom kif ser jinghad:-

a) <u>Martin Tabone</u> (fol 90 et seq ibid) sahaq li "Jien ma kontx involut f'xi glieda. Jiena ma ghamilt xejn sa fejn naf jien" u jidher li sostna li gie arrestat ghal xejn.

b) <u>Noel Calleja</u> (fol 93 et seq ibid) xehed ukoll illi "….ma naf xejn dwar x'gara" u "Jiena ma hadt parti…..fl-ebda argument". Difatti, kien telaq l-hemm meta ra' li kien hemm glieda. Hu semma' illi kien hemm argument minghajr glied bejn missieru u huh, Patrick, bhal ma kien

semma' l-akkuzat precedenti u meta kien ra' dan, kien telaq l-hemm.

c) Edward Calleja (fol 103 et seq ibid) semma illi kien vicin ibnu Vincent u ghassa ta' dan. Hu sahaq illi ma kien iggieled ma hadd.

d) Vincent Calleja (fol 105 ibid) xehed illi "kull ma kelli xi nghid kien ma' missieri biss" u "Jiena ma sawwat lil hadd". Inoltre ma kienx irresista, b'xi mod, lill-Pulizija meta kien gie arrestat.

e) Patrick Calleja (fol 106 et seq ibid) xehed illi kien talab spjegazzjoni il-ghala kien qed jigi arrestat huh, Vincent, u hawnhekk, hu allega li s-Supretendent Joseph Brincat kien kellmu hazin u l-Pulizija kienu sawtuh "kemm jifilhu bis-sieq" avolja xehed ukoll illi "…ma kelli ebda tbengil fuqi". Dwar dan, meta kien gja arrestat fl-ghassa tal-Pulizija, hu talab ghal tabib izda ghal xejn. Inoltre hu cahad illi b'xi mod irresista lill-Pulizja meta kien qed jiddahhal fil-karozza ta' dawn.

Ikkunsidrat

Illi, b'referenza ghall-akkuzi in ezami migjuba fil-konfront tal-akkuzati:-

a) Dwar missier l-ahwa Calleja, Edward Calleja, ma ingibet ebda prova li dan l-akkuzat ikkometta xi reat. Is-sitwazzjoni tieghu tidher cara mix-xhieda tas-Supretendent Joseph Brincat kif hawn fuq riportata u li qal li fl-ebda hin ma kien aggressiv jew vjolenti fil-konfront tal-Pulizija. Jigi notat illi l-istess xhud kien spjega li dan l-akkuzat kien ipprova "jipperswadina" sabiex ma jigux arrestati t-tfal tieghu. Minhabba hekk dan l-akkuzat ghandu jigi misjub mhux hati ta' kull akkuza.

b) In rigward l-akkuzati l-ohrajn, jidher li l-incident kien beda meta dawn bdew jimbuttaw b'mod aggressiv lill-Pulizija meta dawn marru sabiex jerfghuhom minn mal-art. Inoltre l-akkuzat Vincent Calleja beda jidghi b'mod fahxi u s-Supretendent Joseph Brincat kien intimah sabiex jieqaf, izda ghal xejn. Hawnhekk Martin Tabone kien imbotta lill-

istess Supretendent b'certa sahha u ghalhekk dan kien ordna l-arrest ta' dawn iz-zewg akkuzati. Din gabet certa kommozzjoni billi kien sar tentattiv sabiex l-arrest ta' dawn jigi evitat minn, fost ohrajn Noel u Patrick Calleja li uzaw kemm daqqiet ta' sieq, kemm daqqiet ta' ponn kemm billi Martin Tabone pprova jigdem lill-istess Supretendent. Meta gie effetwat l-arrest tal-akkuzati, hlief ta' Noel Calleja, Patrick Calleja irrifjuta li jitla' fuq il-vettura tal-Pulizija u kkaguna hsara volontarja fuqha kif hawn fuq stimat.

Illi, mill-analisi tal-provi, jidher li dak premess, juri kif, verament, gara l-incident in ezami. Hawnhekk jigi sottolineat illi l-akkuzat Patrick Calleja kien allega li gie msawwat mill-Pulizija "kemm jifilhu bis-sieq". Dwar dan jigi notat illi l-akkuzati kienu tressqu quddiem il-Qorti, jumejn wara dawn l-incidenti u fil-presentata taghhom quddiem il-Qorti l-ebda wiehed mill-akkuzati ma gibed l-attenzjoni tal-Qorti illi kien gie msawwat mill-Pulizija u li ma ngieb ebda tabib meta dan, allegatament, kien intalab. Fin-nuqqas ta' prova obbjettiva billi l-istess Qorti kienet tinnomina espert "in materia" sabiex jsiru l-ezamijiet mehtiega, dak li allega l-akkuzat Patrick Calleja ghadu jibqa' biss <u>allegazzjoni mhux pruvata assolutament</u> u li "del resto", saret madwar hames snin wara l-fatti in ezami.

Illi in rigward l-istess erba' akkuzati ma ghandu jkun hemm ebda dubbju illi huma qalu kliem oxxen fil-pubbliku kif ukoll daghaw, kisru volontarjament il-bon ordni, ma obdewx l-ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill-Pulizija.

Dwar l-akkuzi taht l-artikoli 95 u 96 tal-Kodici Kriminali, mill-provi ma irrizultax illi heddew jew ghamlu offiza fuq il-Pulizija izda gie pruvat li attakaw kif ukoll irresistew bi vjolenza jew b'hekk l-istess Pulizija.

Illi dwar l-akkuza ta' recidiva migjuba fil-konfront ta' Martin Tabone u Vincent Calleja, ma ingiebet l-ebda prova dwar din l-akkuza skond kif rikjest mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti: -

a) Issib lill-akkuzat Edward Calleja mhux hati tal-akkuzi kollha u tilliberah minnhom.

b) Issib lill-akkuzati Patrick Calleja, Vincent Calleja, Martin Tabone u Noel Calleja mhux hatja tal-akkuza taht l-artikoli 95 citat u tilliberhom minn din l-akkuza.

c) Issib lill-akkuzat Vincent Calleja u Martin Tabone mhux hatja li huma recidivi u tilliberhom minn din l-akkuza.

d) Issib lill-akkuzati Patrick Calleja, Vincent Calleja, Martin Calleja u Noel Calleja hatja, talli fil-Gzira nhar id-9 ta' Lulju 1995;
i) attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb li ma jitqiex vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li kienu qed jagixxi ghall esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

ii) ghad li kienu xurbana qalu fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti jew ghamlu atti gesti oxxeni jew daghaw fil-pubbliku.

iii) kissru volontarjament il-bon ordni jew l-kwiet tal-pubbliku.

iv) ma obdewx l-ordnijiet legitimi ta' awtorita jew wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma hallewx jew fixxklu waqt li jkun jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmiru, billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi ikun ordnat li jaghmel, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ghamel skond il-ligi jew b'xi mod iehor li jkun;

u dan skond l-artikoli 96, 338(bb), 338(d) u 338(ee) tal-Kodici Kriminali.

e) Fil-konfront ta' Patrick Calleja wahdu issibu hati talli volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara volontarja fuq vettura numru M.2296 liema hsara tammonta ghal aktar minn Lm50 izda anqas minn Lm500

ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta u dan skond l-artikolu 325(b) tal-istess Kodici Kriminali.

In rigward il-piena, wara li rat il-fedina penali tal-akkuzati kif ukoll tenut kont tal-isfond ta’ dan il-kaz li sfortunatament, juri l-eccessi li certi persuni jaslu ghalihom waqt ic-celebrazzjoni ta’ festa religjuza izda fortunatament ma kien hemm ebda konsegwenzi serji, il-Qorti tara li fil-konfront ta’ Vincent Calleja, Noel Calleja u Martin Tabone, piena pekunjarja hi sufficjenti u gusta, b’applikazzjoni tal-artikolu 21 tal-istess Kodici. Ghaldaqstant, il-Qorti tikkundanna lil dawn l-akkuzati ghall-piena ta’ Lm100 ossija 240 Euro kull wiehed. In rigward Patrick Calleja a bazi tal-istess sitwazzjonijiet, jkun opportun ukoll li tigi imposta piena pekunjarja b’zieda ta’ dak specifikat fl-artikolu 325, l-ahhar proviso in rigward kumpens in rigward hsara fuq propjeta pubbblika. Ghaldaqstant il-Qorti tikkundanna lill-akkuzat Patrick Calleja ghall-piena ta’ Lm 200 ossija 466 Euro bhala multa kif ukoll tordna lil dan l-akkuzat jhallas bhala kumpens dovut lill-Gvern ta’ Malta s-somma ta’ Lm 250 ossija 582.34 Euro.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------